31980R1661

30.6.1980 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 164/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1661/80
tas-27 ta' Ġunju 1980
dwar il-miżuri salvagwardji miżuri previsti fil-Ftehim tal-Koperazzjoni u l-Ftehim Temporanju li għandhom x'jaqsmu mas-sengħa u koperazzjoni kummerċjali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Federazzjoni Soċjalista tal-Jugoslavja

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43 u 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi Ftehim tal-Koperazzjni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja, iżjed 'il quddiem msejħa "il-Ftehim Koperattiv", kien iffirmat fit-2 ta' April 1980 u Ftehim Temporanju li għandu x'jaqsam mas-sengħa u koperazzjoni kummerċjali, iżjed 'il quddiem msejħa "il-Ftehim Temporanju", kien konkluż fit-30 ta' Mejju 1980;

Billi għall-finijet t'implimentazzjoni tal-klawsoli salvagwardji u l-miżuri prekawzjonarji previsti fl-Artikoli 35 sa' 38 u fl-Artikolu 55 tal-Ftehim Koperattiv u fl-Artikoli 22 sa 25 u fl-Artikolu 36 tal-Ftehim Temporanju, regoli dettaljati għandhom jiġu stabbiliti għall-applikazzjoni ta' Regolamenti tal-Komunità, b'mod partikolari Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 926/79 tat-8 ta' Mejju 1979 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ([2]) u Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3017/79 ta' l-20 ta' Diċembru 1979 dwar il-protezzjoni kontra importazzjoni ta'oġġetti ddampjati jew issussidjati minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([3]),

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-każ ta' dampjar, jew sussidji suġġetti għal digriet l-applikazzjoni mill-Komunità tal-miżuri previsti fl-Artikolu 35 tal-Ftehim Koperattiv u fl-Artikolu 22 tal-Ftehim Temporanju, l-introduzzjoni ta' kontra l-iddampjar jew taxxi kompensatorji għandha tkun deċiża bi qbil mal-proċeduri u r-regoli dettaljati stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 3017/79.

Artikolu 2

F'każijiet suġġetti għal digriet l-applikazzjoni mill-Komunità tal-miżuri previsti fl-Artikoli 36 u 55 tal-Ftehim Koperattiv u fl-Artikoli 23 u 36 tal-Ftehim Temporanju, miżuri salvagwardji xierqa għandhom, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawk l-Artikoli, jiġu adottati mill-Kunsill bi qbil mal-proċedura u r-regoli dettaljati stabbiliti bir-Regolament (KEE) Nru 926/79 u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu.

F'każijiet urġenti u suġġetti għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 36 tal-Ftehim Koperattiv u fl-Artikolu 23 tal-Ftehim Temporanju:

— il-Kummissjoni tistaħ tadotta l-miżuri salvagwardji xierqa bi qbil mal-proċedura u r-regoli dettaljati stabbiliti bir-Regolament (KEE) Nru 926/79, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

— Kwalunkwe Stat Membru jista' jieħu miżuri salvagwardji Temporanju skond il-proċedura spjegata fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 926/79.

Artikolu 3

1. Dan ir-Regolament m'għandux iwarrab l-applikazzjoni tar-Regolamenti dwar l-organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikolturali jew tal-Komunità jew tad-disposizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jirriżultaw minnhom jew tar-Regolamenti speċjali addottati taħt l-Artikolu 235 tat-Trattat għal prodotti agrikolturali proċessati; dan ir-Regolament għandu japplika flimkien ma' miżuri bħal dawn.

([1]) Opinjoni mogħtija fl-20 ta' Ġunju 1980 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) ĠU L 131, tad-29.5.1979, pġ. 15.
([3]) ĠU L 339, tal-31.12.1979, pġ. 1.

2. It-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2(2) m'għandux japplika għal prodotti li huma koperti b'Regolamenti bħal dawn.

Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Kunsill Koperattiv u lill-Kummissjoni Konġunta kif stabbilit fl-Artikolu 38 tal-Ftehim Koperattiv u fl-Artikolu 25 tal-Ftehim Temporanju.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1980.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Ġunju 1980.

F'isem il-Kunsill

Il-President

A. SARTI